# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/19, it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 19 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming', kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'Video On Demand'.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi-Sindku |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Ħadd

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Clayton Gauci | Kunsillier |

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU PREŻENTI**

Ħadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:38pm.

ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*19.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*19.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*19.4 Korrispondenza;*

*19.5 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*19.7 Tibdil fis-servizz tal-Bulky Refuse;*

*19.8 Installazzjoni ta' WiFi Pubbliku fil-Housing Estate;*

*19.9 Installazzjoni ta' AED;*

*19.10 Hruġ ta' Sejħiet għall-offerti u bordijiet tal-evalwazzjoni;*

*19.11 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

## 19.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

## 19.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

19.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

19.2.3 Il-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil daħlet għal-laqgħa fis-5:54pm.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Is-Sindku ta' informazzjon fuq laqgħa li kellu il-Ġnejna fejn attendew ukoll periti tal-ERA. F' din il-laqgħa ġie deċiż li il-proġett tal-ħajt jitkompla, għalkemm bi' pjanti ġodda. Kien sar ukoll il-fence in-naħa taċ-Ċikken u s-Sindku informa li kien ġie diskuss intervent aktar b' saħħtu u aktar sigur dwar dan il-ġebel li jaqa'. Waqt il-laqgħa ġiet diskussa ukoll il-problema li diversi karozzi jinżlu fuq ir-ramel u l-Kunsill qabel li jara x' jista' jsir dwar dan.

19.3.2 Is-sindku semma kif hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Dominic Grech mill-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar dwar proġett kommunitarju imsemmi bħala 'Spazji Miftuħa'. Is-Sindku qal li ressaq il-proġett tal-bini ta' Librerija Pubblika u spazju ħadrani miftuħ fuq il-garaxxijiet ta' Triq l-Amarozz. Hu maħsub li jsiru aktar laqgħat dwar dan il-proġett biex jibda jiġi imwettaq.

## 19.4 Korrispondenza

19.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu imwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

19.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-formularju tal-assikurazzjoni medika offruta lill-membri tal-Kunsill, l-istaff u l-familji tagħha, sabiex min hu interessat, jiġi mdaħħal f' din l-assigurazzjoni għas-sena 2021.

19.4.3 Ġiet ippreżentata kommunikazzjoni mir-Reġjun Tramuntana li kien qed joffri grant ta' €1000.00 għall-aktar tiżjin tal-Milied fil-lokalita'. Il-Kunsill kollu irringrazzja lir-Reġjun ta' din l-inizzjattiva.

19.4.4 Dwar it-tiżjin tal-Milied, ġie deċi li jitqabbad l-istess kuntrattur tas-sena ta' qabel, jiġifieri CLD ta' Carl Caruana. Il-Kunsill qabel li jżid ftit aktar dwar fuq is-sena ta' qabel u issa ser ikun qed jonfoq €4883.00 għalldan it-tip ta' tiżjin.

19.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-approvazzjoni ta' Transport Malta għall-żewġ talbiet tal-Kunsill. L-ewwel waħda hija ta'żewġ 'speed cushions' Għajn Tuffieħa, filwaqt li speed cushion oħra ġiet approvata fi' Triq il-Fuħħar l-Aħmar.

## 19.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

19.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra u talba tal-Għaqda Każini tal-Baned sabiex il-Kunsill jikkonsidra li jissapportja l-inizzjattiva sabiex il-Festa Maltija tiġi meqjuża bħala Wirt Dinji intanġibbli fil-lesta tal-UNESCO. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li jagħti is-sapport tiegħu lil din l-inizzjattiva. Għalhekk ħie deċiż li s-sEgretarju Eżekuttiv jibgħat ittra ta' sapport dwar dan lill-Għaqda Każini tal-Baned.

19.5.2 Ġiet diskussa il-loġistika tal-Laqgħa Annwali tal-Kommunita' li trid issir sabiex jiġi pprezentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu li minħabba il-miżuri soċjali kontra it-tixrid tal-pandemija, din ser toffri sfida sabiex tittella'. Ġew diskussi metodi kif wieħed jista' jtella' din il-laqgħa filwaqt li wieħed iżomm dawn il-miżuri. Ġie diskuss ukoll il-possibbilta' li din issir 'online' live biex kulħadd ikun jista' jsir minm dahru. F' dan ix-xenarju, il-Kunsill jistaqsi lill-pubblika sabiex idaħħlu il-mistoqsijiet u suġġerimenti dwar is-suġġett diskuss biex xorta jingħata leħen lir-resident. Ġie deċiż li l-din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru filgħaxija.

19.5.3 Tiziana Borg Busuttil u Paul Vella infurmaw li l-Partit Laburista kien ser jagħti siġra biex titħawwel fil-kommunita' fl-anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Issemma' li din tista' titħawwel fi' Triq il-Ganfra.

19.5.4 Tiziana Borg Busuttil semmiet li kienet agħmlet xi' laqgħat biex tara jekk kiex possibli li l-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-iskema Measure 2 tal-Majjistral Action Group : Strenghtening a Healthy Cultural Identity, biex permezz tagħhom isir rinnovament tas-sala tal-Oratorju Qalb bla' Tebgħa ta' Marija fl-Imġarr. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u li jiġi wkoll avviċinat il-Kappillan tal-Parroċċa. Kellha ssir laqgħa mal-MEUSAC sabiex tinġieb aktar informazzjoni fuq il-miżura u l-proġett kif ukoll biex il-Kunsill jirċievi għajnuna fil-mili tal-formularji neċċessarji.

19.5.5 Is-Sindku fakkar li fit-12 ta' Diċembru kien ser isir tindif tal-inħawi Tal-Palma mill-grupp immexxi mis-Sa. Daniela Cini. Il-grupp kellu jiltaqa' fid-9am ħdejn Riħ il-Barriera. Il-Kunsill jipprovdi ingwanti u boroż. Din l-attivita' kienet ser tiġi promossa fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill.

19.5.6 Odette Muscat issuġġerit li ssir kompettizzjoni għal żmien il-Milied, għall-isbaħ presepju, l-isbaħ siġra tal-Milied u l-isbaħ Bambin imżejjen. Minħabba ir-restrizzjonijiet tal-pandemija, ġie deċiż li r-residenti jagħtu ritratt elettroniku u dawn jiġu mtellgħa fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill biex in-nies jivvutaw għall-isbaħ f' kull kategorija. Il-Kunsill qabel u ser jiġu msejjsa numru ta' regolamenti u dati għall-din il-kompetizzjoni.

19.5.7 Tiziana Borg Busuttil issuġerit li ssir logħba magħrufa bħala Exco Board Game għall-addolexxenti mill-Imġarr. Din għandha ssir fil-binja tal-Kunsill u tinżamm id-distanza soċjali. Ġie deċiż li din issir nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru wara nofsinhar.

## 19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

19.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagamenti numru 11/2020 li kienet tammonta għal €26, 137.83.

19.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill.

## 19.7 Tibdil fis-servizz tal-Bulky Refuse

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq statistika dwar l-ammonti ta' ġbir tal-iskart goff (bulky refuse) u kif dan żdied sostanzjalment matul din is-sena, fejn f' ċerti każijiet, anke żdied b' 75% jew 80%. F' ħafna mil-ġbir, il-Kunsill kien qed jirriffjuta li jiġbor minn numru ta' residenzi peress li it-talbiet kienu qed ikunu ħafna u ripettuti. Għaldaqstant, il-Kunsill iddiskuta il-possibbilita' ta' ġabra extra kull ġimgħa biex b' hekk minflok ġabra waħda jibda jkun hemm tnejn kull ġimgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta dan u ser isiru arranġamenti sabiex l-iskart goff jibda jinġabar kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis, biex jiġi offrut servizz aħjar lir-residenti. Dan is-servizz ser jibda' jiżdied minn Diċembru.

## 19.8 Installazzjoni ta' WiFi Pubbliku fil-Housing Estate

19.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, flimkien mas-Sindku, kellu laqgħa fil-post ħdejn il-gym fl-apert tal-Housing Estate kemm mar-rappreżentatni ta' TechMT kif ukoll mal-Inġinier tal-Melita dwar l-installazzjoni ta' WiFi Spot pubbliku. Saru l-arranġamenti kollha tal-loġistika u l-Kunsill approva din l-installazzjoni li ser tkun mal-ħajt (bl-approvazzjoni tar-residenti) u pakkett ta' 25Mbps. L-ispiża ta' dan il-proġett ser tkun €1700 l-installazzjoni (ta' darba) kif ukoll €370 kull sena għall-konnettivita'.

## 19.9 Installazzjoni ta' A.E.D.

19.9.1 Is-Sindku informa li riċentement, hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa ma' rappreżentant ta' kumpanija li tagħmel installazzjonijiet ta' Automatic External Defibrillator (A.E.D.). Wara dan, il-Kunsill ra diversi alternattivi ta' dawn il-makkinarji, u qabel li aktar milli fil-prezz, dwar xi' ħaġa tant sensittiva u tant delikata, għandha tingħata l-importanza lill-fatturi bħala kemm ikun 'user-friendly', kemm ikun tajjeb biex jintuża min faxxa l-aktar wisa' possibbli tas-soċjeta', kemm ikollu saħħa li jdum jaħdem sakemm tasal ambulanza, kemm ikun sigur u fatturi oħra. Għalhekk, wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li jinxtraw 2 AEDs biex wieħed jiġi installat mal-inħawi tal-bini tal-Kunsill (biex jilħaq ukoll in-nies li jkunu fil-pjazza, fir-ristoranti u fil-bandli) u l-ieħor fi' Ġnien Skorba, iż-Żebbiegħ. Għalhekk, il-Kunsill approva ix-xiri u l-installazzjoni ta' dawn iż-żewġ AEDs (PowerheartAED G5) bil-kabinett ta' barra, sinjali u senjaletika oħra konċernata għall-prezz ta' €2436.95.

19.9.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru anke sezzjonijiet għall-pubbliku dwar kif wieħed juża dawn l-AEDs sabiex jinxtered aktar l-għarfien.

## 19.10 Hruġ ta' Sejħiet għall-offerti u bordijiet tal-evalwazzjoni

19.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ rapporti tal-ftuħ tal-offerti għaż-żewġ sejħiet li għalqu riċentement. Il-Kunsill innota li kien irċieva dawn l-offerti għaż-żewġ sejħiet kif jidher hawn taħt :

*Provvista u Manutenzjoni tat-Tabelli tat-Traffiku u Sinjali tat-Toroq:*

- Koperattiva Tabelli Sinjali tat-Traffiku b' offerta ta' €41,670.20;
- B. Grima & Sons Ltd. b' offerta ta' €44,408.55, u
- 5H Limited b' offerta ta' €85,247.25.

*Servizz ta' Contracts Manager għall-Kunsill Lokali tal-Imġarr:*

- Synthesis Management Services Limited b' offerta ta' €18,720.00;
- Yama Yami Ltd. b' offerta ta' €19,200.00;
- John Galea b' offerta ta' €26,000.00;
- Adrian Mifsud BOOM Consultancy & Advisory b' offerta ta' €28,000.00, u
- Kristian Montlfort b' offerta ta' €29,910.00.

19.10.2 Issa jibda' il-proċess tal-evalwazzjoni ta' dawn iż-żewġ sejħiet fil-ġimgħat li ġejjin.

**19.11 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa**

19.11.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2020, fil-5pm.

19.11.2 Ġie deċiż ukoll li fl-istess ġurnata, jiġifieri il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2020, fis-7pm, issir il-laqgħa annwali tal-kommunita' għas-sena 2020.

19.11.3 Il-laqgħa ntemmet fis-7:48pm.

**Paul Vella**
Sindku

**Cyprian Dalli**
Segretarju Eżekuttiv